**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Fl-Atti tal-ittra ufficjali ipprezentata fit-18 ta' Settembru 2018 minn Mario Muscat kontra Lindsay Portelli**

**Rikors Numru: 241/2018 RM**

**Mario Muscat**

**-vs-**

**Lindsay Portelli**

**Illum, 8 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Lindsay Portelli pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Ottubru 2018 fejn gie premess is-segwenti:

*"Illi r-rikorrenti giet notifikata bl-ittra ufficcjali ipprezentata kontriha minn Mario Muscat b'erba kambjali annessi maghha, fejn permezz ta' din l-ittra ufficcjali jrid li jrendi esegwibbli dawn il-kambjali u ghalhekk talab lir-rikorrenti sabiex thallsu s-somma ta' (€664) rapprezentanti l-import tal-istess kambjali.*

*Illi r-rikorrenti ghandha ai termini tal-proviso tal-artikolu 253E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, raguni gravi u valida biex topponi l-ezekuzzjoni u l-hlas ta' dawn il-kambjali kif mitluba mill-imsemmi Mario Muscat, fosthom billi l-esponenti gja halset dak li qieghed jigi mitlub.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali kollha annessi mal-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru, 2018 bin-numru 3262/18, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti."*

Rat ir-Risposta ta' Mario Portelli ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Novembru 2018 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. *'ILLI preliminarjament u minghajr pregudizzju, ir-rikors ta' Lindsay Portelli tat-22 ta' Ottubru 2018 (rikors numru 241/18 RM) gie prezentat "Fl-atti tal-ittra ufficjali ipprezentata fit-31 ta' Mejju 2018 minn Mario Muscat kontra Lindsay Portelli" u riferibilment ghall-ittra ufficjali bin-numru 1612/18;*

2. *ILLi Lindsay Portelli kienet diga intavolat rikors bin-numru 154/18 MLF fis-27 ta' Gunju 2018 fl-atti tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju 2018, u kwindi stante li diga gie intavolat l-imsemmi rikors, dan ir-rikors li jirreferi ghall-ittra ufficjali huwa superfluwu;*

3. *Illi bhala fatt Lindsay Portelli ma hallset ebda ammont dovut fuq il-kambjali kollha li hija iffirmat u liema kambjali skadew;*

4. *Illi ghal kull buon fini qed jigi rilevat li l-imsemmi rikors (241/18) ma jirreferix ghall-ittra ufficjali bin-numru 3262/ 2018 prezentata minn Mario Muscat fit-18 ta' Settembru (hawn taht anness u mmarkat bhala "Dok A") u li t-terminu perentorju biex tintalab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-*

*kambjali (annessi f'Dok A ai termini tal-Art 253 (e) tal-Kap 12 kif dedotta fl-imsemmija ittra ufficjali nru. 3262/2018), skada;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-intimat jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tassensja dawn l-atti lill-Magistrat Dr Marseann Farrugia li qed tiehu konjizzjoni tar-rikors "Fl-atti tal-ittra ufficjali ipprezentata fit-31 ta' Mejju 2018 minn Mario Muscat kontra Lindsay Portelli", li ser tintalab twarrab it-talba tar-rikorrenti stante li hija superfluwa u li diga gie prezentat rikors fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali.*

*Bl-ispejjez.'*

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Frar 2019 li permezz taghha laqghet it-talba tar-rikorrenti ghall-korrezzjoni tar-Rikors promotur u awtorizzat illi jsiru s-segwenti korrezzjonijiet fir-Rikors promotur:-

(i) Fl-ewwel parti tar-rikors promotur bin-numru 241/18RM in-numri u l-kliem 31 ta' Mejju 2018 jigu mhassra u sostitwiti bin-numri u l-kliem "*18 ta' Settembru 2018*";
(ii) Fl-ewwel paragrafu tal-istess rikors promotur il-kliem "*tliet mija u tnejn u tletin Ewro*" jigu kancellati; u
(iii) Fit-talba tar-rikors promotur in-numru "*1612*" jigu kancellati u sostitwiti bin-numri "*3262*".

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-provi kollha;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi r-Rikors gie mholli ghal-lum ghall-provvediment finali;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi johroġ li fit-13 ta' Ottubru 2017, inharget sensiela ta' tmintax (18)-il kambjala għall-ordni tal-ezekutant Mario Muscat, intimat f'dawn il-proceduri, ghar-rigward ta' bejgh ta' vettura Toyota Vitz lir-rikorrenti Lindsay Portelli. L-import ta' kull kambjala kien ta' mija u sitta u sittin Euro (€166) li kellhom jithallsu kull xahar.

Ir-rikorrenti qieghda tinvoka d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 biex titlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut mill-intimat Mario Muscat fil-konfront taghha permezz tal-ittra ufficjali Numru 3262/2018 minnu pprezentata fit-18 ta' Settembru 2018, ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u erbgha u sittin Euro (€664), rapprezentanti bilanc ta' erba' kambjali dovuti kwantu ghas-somma ta' €166.00 kull wahda. Il-kambjali mertu ta' dan il-procediment, u li kopja taghhom tinsab annessa mal-kopja legali tal-imsemmija ittra ufficjali, esebita mill-intimat innifsu[1], inhargu fit-13 ta' Ottubru 2017 u skadew fit-13 ta' Gunju 2018, fit-13 ta' Lulju 2018, fit-13 ta' Awwissu 2018 u fit-13 ta' Settembru 2018. .

Fil-31 ta' Mejju 2018 l-ezekutant ressaq ittra ufficjali (numru 1612/18) kontra r-rikorrenti biex jitlob il-hlas tas-somma ta' €332 bhala import ta' zewg kambjali u biex jaghti ezekuzzjoni ghall-imsemmija kambjali. Sussegwentement, permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 3262/18 ipprezentata fit-18 ta' Settembru 2018 l-ezekutant talab il-hlas tas-somma ta' €664 bhala import ta' erba' kambjali, mertu ta' dan il-procediment odjern.

Ikkunsidrat;

[1] Dok. A mar-Risposta tal-intimat tal-5 ta' Novembru 2018.

L-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal procedura specjali fejn kambjali (jew *promissory notes*[2]) mahruga skont il-Kodici tal-Kummerc jitqiesu bhala titoli ezekuttivi sakemm il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala kollha jew f'parti minnha. Din il-procedura tittiehed fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni, liema rikors ghandu jigi pprezentat entro ghoxrin (20) gurnata mid-data tan-notifika lilha tal-ittra ufficjali li tintbaghat biex tirrendi dik il-kambjala ezekuttiva. F'kaz li l-qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, il-kreditur ikollu jiftah kawza skont id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 13 biex jezigi l-hlas tal-kambjala.

Il-Qorti tosserva illi l-procedura prospettata fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 filwaqt illi hija wahda specjali, hija wkoll procedura preliminari fejn il-verifika li ghandha ssir mill-Qorti hija wahda limitata li ssir fuq bazi *prima facie*[3] biex jigi determinat jekk: (i) il-firma fuq il-kambjala jew promissory note ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tarrappreżentant tiegħu; jew (ii) li ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta' Frar 2008 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi**, intqal hekk:-

*"... l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u proviso tieghu gie rez bhala procedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem prima facie izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri*

[2] Il-proceduri odjerni jittrattaw kambjali u mhux promissory notes u ghalhekk mhux ser issir referenza hlief ghal kambjali.
[3] **Emmanuel Mallia vs Francis Chetcuti**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 2016.

*soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens."*

Din il-verifika ghandha ssir minghajr ma jsir stharrig tal-mertu tal-kontenzjoni bejn il-partijiet, jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reciproci bejn il-partijiet, u dan ghaliex l-istharrig tal-mertu jmissu jsir fil-kawza li jkollha titressaq mill-kreditur f'kaz illi l-qorti tilqa' t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Wara kollox, billi l-kambjala hija fiha nnifisha prova tad-dejn li jkun inholoq, l-emenda li saret bid-dhul fis-sehh tal-Att IX tal-2004 li bih l-kambjala saret titolu ezekuttiv, kienet intiza biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fi kwalsiasi kaz ferm limitati.

Effettivament, is-subinciz (e) tal-Artikolu 253 jillimita b'mod espress ir-ragunijiet li minhabba fihom tista' tintalab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Dawn ir-ragunijiet huma: (i) illi l-firma fuq il-kambjala ma tkunx ta' min ikun qed jopponi ghall-ezekuzzjoni taghha jew tar-rapprezentant tieghu; jew (ii) ikunu jezistu ragunijiet ohra gravi u validi biex issir oppozizzjoni ghal dik l-ezekuzzjoni.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tar-ragunijiet gravi u validi prospettati mis-subinciz (e) tal-Artikolu 253, ma jistax ikun iktar estensiv mill-iskop tar-ragunijiet elenkati mill-Kodici tal-Kummerc li minhabba fihom kambjala tista' tinzamm milli tithallas. Kull ma trid il-ligi f'din il-procedura hu li l-qorti tara jekk, *prima facie*, hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala, u dan sabiex f'kaz affermattiv, ir-rikorrent ikollu l-opportunita` jikkontesta l-kawza eventwali li, f'kaz li tintlaqa' t-talba tieghu ghas-sospensjoni, tkun trid issir mill-kreditur. Billi f'kawza bhal dik, l-eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati mill-konvenut huma tassew limitati, hija wkoll il-mansjoni tal-qorti f'proceduri bhal dawn, taht l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, illi tiddetermina jekk

il-konvenut ikunx jista' jressaq b'success dawn l-eccezzjonijiet f'kawza eventwali."[4]

Ikkunsidrat;

**Ir-rikorrenti Lindsay Portelli** ssostni illi jezistu ragunijiet gravi u validi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta' dan it-titolu ezkeuttiv, liema ragunijiet jikkonsistu in succint, fl-allegazzjoni illi **hija diga` hallset l-import ta' dawn il-kambjali li gew rezi ezekuttivi bl-ittra ufficjali Numru 3262/2018, u dan permezz ta' pagament in kontanti fis-somma ta' tmien mitt Euro (€800) liema somma l-intimat ircieva minghajr ma taha ricevuta u minghajr ma rritornalha l-kambjali li l-import taghhom gie saldat b'dan il-pagament**.

Ir-rikorrenti fix-xhieda taghha[5], spjegat illi l-intimat kien xtralha vettura u tahielha minghajr ma ried hlas izda kif fehem li hija ma riditx tidhol f'relazzjoni mieghu, talabha thallsu l-prezz tal-vettura permezz tal-hrug ta' tmintax-il kambjala fis-somma ta' €166 kull wahda. Ir-rikorrenti tghid li hija qablet li tiffirma dawn il-kambjali u effettivament iffirmathom kollha. Dan ifisser li l-ammont totali li kien dovut minnha lill-intimat ghax-xiri tal-vettura, kien ta' cirka tliet elef Euro (€3,000). Ir-rikorrenti qalet ukoll li ghalkemm hija ffirmat il-kambjali fix-xahar ta' Novembru 2018, il-kambjali jgibu d-data tat-13 ta' Ottubru 2017. Hi bdiet thallas regolarment u ma' kull pagament l-intimat kien jaghtiha lura l-kambjala mhallsa.

Ir-rikorrenti kompliet tfisser kif darba fost l-ohrajn, f'April 2018, lill-intimat hallsitu pagament ta' €800 f'kontanti, ghaliex riedet taqta' mill-bilanc li kien ghad fadal dovut lill-intimat. Sostniet illi dawn il-flus kienet tathomlha nannitha, fatt li gie affermat minn Cynthia Ruggier fl-Affidavit taghha u mill-i*statement*

[4] **Ian Pecorella vs. Sovereign Caterers Limited,** 11.03.2009, Prim'Awla.

[5] Xhieda tat-28 ta' Marzu 2019.

tal-kont bankarju taghha[6]. Ghalkemm ir-rikorrenti ma specifikatx jekk il-hlas kienx jirrapprezenta l-import ta' kambjali li kienu diga` skaduti jew hlas bil-quddiem, hi tichad li dan il-hlas kien dovut lill-intimat bhala depozitu akkont tal-prezz tal-vettura. In effetti, ir-rikorrenti tichad b'mod assolut li l-prezz tal-vettura kellu jithallas permezz ta' depozitu fis-somma ta' €800 u l-kumplament permezz tal-kambjali.

Ir-rikorrenti ssostni li sakemm hallset is-somma ta' €800 f'April 2018, hija kienet lahqet hallset lill-intimat l-import ta' hames kambjali b'kollox, oltre l-imsemmija somma ta' €800, u kien ghad fadal bilanc ta' cirka elf Euro dovut fuq il-prezz tal-vettura. Hi tallega li minkejja l-pagament ta' €800, l-intimat naqas milli jaghtiha ricevuta u minkejja li talbitu ripetutament, hu baqa' ma tahiex lura dawk il-kambjali li l-import taghhom kien gie saldat permezz ta' dan il-pagament u minflok, ftit wara f'Mejju 2018, l-intimat ipproceda biex ottjena ;l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fil-konfront taghha.

**Missier ir-rikorrenti, Vincent Portelli**, xehed[7] illi minn dak li rrakkontatlu bintu, huwa kkalkula li sakemm l-intimat ipproceda biex jikseb mandat ta' sekwestru fil-konfront taghha, kien baqa' madwar elf Euro dovuti mill-import tal-kambjali li kienu gew iffirmati. Qal ukoll illi ghall-habta ta' Mejju 2018, wara li ma rnexxielux jasal ghal ftehim mal-intimat dwar il-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura ta' bintu, huwa gabar minghand is-segretarja tal-intimat envelop kontenenti fost ohrajn, ricevuta datata 13 ta' Settembru 2017 (Dok. VP1) ghall-hlas tas-somma ta' €800 li bintu kienet hallset lill-istess intimat ftit taz-zmien qabel u li dwar dan il-hlas ma kienx taha ricevuta.

**L-intimat, Mario Muscat**, filwaqt illi ma jichadx illi r-rikorrenti kienet hallsitu s-somma ta' €800 f'kontanti, jinsisti li dan il-pagament jirrapprezenta d-depozitu

[6] Ara Dok. LP1, fol. 64, u Affidavit a fol. 85.

[7] Xhieda tat-28 ta' Marzu 2019.

li kellu jithallas akkont tal-prezz tal-vettura u jsostni illi l-kambjali nhargu biex ikopru l-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura wara li jitnaqqas l-ammont tad-depozitu. Fisser ukoll illi r-rikorrenti ma kienetx hallset dan id-depozitu immedjatament izda hallsitu wara xi xahrejn li kien taha l-vettura u kien biss meta hallset dan id-depozitu li huwa pproceda sabiex jirregistra l-vettura f'isimha. Skont l-intimat, fiz-zmien meta hallset id-depozitu ir-rikorrenti kienet diga` hallset xi kambjali u filwaqt li hu minnu li huwa hareg ir-ricevuta Dok VP1 lir-rikorrenti, isostni li hu harigha mal-hlas effettiv tad-depozitu ta' €800

Ikkunsidrat;

Hu evidenti li l-pern kollu tal-vertenza bejn il-partijiet isarraf principalment fid-determinazzjoni tal-import tal-pagament fis-somma ta' €800 li thallas lill-intimat. Filwaqt li l-partijiet jaqblu illi dan il-pagament effettivament sar u illi sar in konnessjoni mal-prezz tal-vettura mibjugha lir-rikorrenti, ghall-bqija hemm divergenza assoluta fil-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet, inkluz dwar il-prezz tal-vettura, l-import tal-pagament ta' €800 u l-perijodu taz-zmien meta gie effetwat dan il-pagament (liema kriterju tal-ahhar huwa wkoll relevanti biex jigi determinat ix-xorta tad-dejn li kien qed jigi estint b'dak il-pagament). Da parti taghha r-rikorrenti ssostni li dan il-pagament sar biex jithallsu whud mill-kambjali li kienu nhargu favur l-intimat, izda l-intimat jinsisti li l-pagament sar in linea ta' hlas tad-depozitu fuq il-prezz tal-vettura liema depozitu kellu jithallas qabel inhargu l-kambjali ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz.

Il-Qorti tosserva illi r-ricevuta Dok. VP1, li hija ffirmata biss mill-intimat Mario Muscat, ma hijiex limitata ghal konferma tal-hlas percepit, izda fiha ghadd ta' dikjarazzjonijiet dwar x'jirrapprezenta dan il-pagament, **liema dikjarazzjonijiet madanakollu ma jirrizultax li huma affermati mir-rikorrenti ghaliex ir-ricevuta mhijiex kontro-firmata minnha**.

Tosserva wkoll illi skont l-intimat, ir-ricevuta Dok. VP1 inharget mal-hlas effettiv tad-depozitu ta' €800, izda fl-istess nifs isostni wkoll illi dan l-ammont thallas biss wara xahrejn mill-bejgh tal-vettura u li sadanittant, ir-rikorrenti kienet lahqet hallset xi kambjali. Issa l-Qorti tosserva illi r-ricevuta hija datata 13 ta' Settembru 2017 mentri l-kambjali nhargu kollha, skont id-data li tidher fuqhom, fit-13 ta' Ottubru 2017. Dan ifisser illi **ma tistax tkun korretta l-asserzjoni tal-intimat illi s-somma ta' €800 thallset fid-data indikata fuq ir-ricevuta** jekk fi kliemu stess, ir-rikorrenti ma hallsitx id-depozitu hlief wara ftit xhur li sar il-ftehim dwar il-bejgh tal-vettura u li kienu diga` hargu l-kambjali u thallsu whud minnhom.

Il-Qorti tosserva wkoll li mill-provi ma jirrizultax bi precizjoni x'kien il-prezz li gie maqbul bejn il-partijiet ghall-bejgh tal-vettura lir-rikorrenti. L-intimat isostni li l-prezz kien bejn €3,300 u €3,400 li minnu r-rikorrenti hallset is-somma ta' €800 bhala depozitu akkont u l-bilanc kellu jigi saldat bil-hlas ta' 18-il kambjala fis-somma ta' €166 kull wahda. Da parti taghha, ir-rikorrenti xehdet li l-prezz kollu kellu jithallas bil-kambjali li hi accettat li jinhargu favur l-intimat.

Skont l-intimat is-somma ta' €800 kellha tinqata' mill-prezz tal-vettura u l-kambjali nhargu fuq dak il-bilanc. Izda minn kalkolu semplici abbazi tal-figuri msemmija mill-intimat innifsu, jirrizulta illi l-ammont shih li huwa dovut lilu mir-rikorrenti huwa ta' cirka €3,800 u mhux ta' €3,300. Ghall-Qorti dan ifisser illi l-bilanc dovut wara l-hlas tad-depozitu, kellu jkun ta' €2,500 izda galadarba hemm qbil bejn il-partijiet li nhargu 18-il kambjala ghall-hlas tas-somma ta' €166 kull wahda, isegwi illi l-import tal-kambjali mahruga jeccedi l-bilanc li skont l-intimat innifsu kellu jkun dovut fuq il-prezz tal-vettura wara li jitnaqqas id-depozitu, bis-somma ta' cirka €500. Ghalkemm l-intimat xehed li l-import tal-kambjali jinkludi l-imghax, ma tressqu l-ebda provi fir-rigward.

Ikkunsidrat;

Fl-assenza ta' ftehim bil-miktub kontenenti l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-bejgh tal-vettura u mizmum ferm id-divergenzi fil-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet kif ukoll il-kontradizzjonijiet u inekwivoci fix-xhieda tal-intimat innifsu dwar il-prezz tal-bejgh tal-vettura, dwar il-hlas tas-somma ta' €800 u l-import tal-kambjali nfushom, il-Qorti ma tistax teskludi li l-hlas tas-somma ta' €800 kien effettivament jirrapprezenta hlas tal-import ta' diversi kambjali u mhux hlas separat in linea ta' depozitu.

Kif inghad, billi l-ligi fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 ma tispecifikax x'inhuma r-"*ragunijiet ohra gravi u validi*" li jistghu jinghataw b'success f'talba ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjala, hija mhollija lid-diskrezzjoni tal-Qorti biex tilqa' jew le talba li ssirilha taht l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi.

F'dan l-isfond, il-Qorti hija tal-fehma illi bl-accettazzjoni ta' verzjoni wahda ad eskluzjoni tal-ohra f'dan il-procediment, fejn il-funzjoni taghha hija limitata ghad-determinazzjoni dwar jekk jezistux ragunijiet gravi u eccezzjonali kontra l-ezekuzzjoni tal-kambjala, hija tkun qieghda tipprekludi milli jsir ezercizzju kif imiss ta' stharrig tal-provi, liema stharrig jispetta lill-Qorti li tkun qed tisma' l-mertu tal-vertenza.

Izda fl-istess waqt, jirrizulta wkoll illi hemm qbil fil-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet, li b'zieda mas-somma ta' €800 in kontestazzjoni, ir-rikorrenti kienet lahqet hallset hames kambjali b'kollox (€830). Dan ifisser illi l-kambjali mahruga ghall-ordni tal-intimat sa Frar 2018, huma saldati. **Jekk imbaghad, minn stharrig fil-mertu jigi determinat li s-somma ta' €800 ma thallsitx in linea ta' depozitu izda kienet effettivament tirrapprezenta pagament intiz biex jissalda l-import ta' erba' jew hames kambjali ohra[8] minn Frar 2018 'il**

[8] €166 ghal hames kambjali igib total ta' €830.

**quddiem, dan ikun ifisser li b'kollox ir-rikorrenti tkun saldat il-kambjali kollha skaduti <u>talanqas sal-ahhar ta' Gunju 2018</u>.**

Dan stabbilit, il-Qorti tqis illi kwantu ghall-kambjali mertu ta' dan il-procediment odjern[9] u fic-cirkostanzi kollha fuq ikkunsidrati, **jezistu *prima facie* ragunijiet gravi u eccezzjonali sabiex jiggustifikaw is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali li ghalqu fit-13 ta' Gunju u fit-13 ta' Lulju 2018** ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, u biex l-intimat jesigi l-hlas tal-kambjali in kwistjoni ghandu jipprocedi b'kawza skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Izda kwantu ghall-ammonti msemmija fil-**kambjali li ghalqu wara Lulju 2018**, il-Qorti tosserva li ma ngiebet l-ebda prova u lanqas saret xi allegazzjoni li, wara l-hlas tas-somma ta' €800, ir-rikorrenti effettwat xi pagament iehor fuq il-kambjali li ghandha quddiemha l-Qorti. Ghall-Qorti dan ifisser li ma jezistix xi dubju serju dwar jekk l-import ta' dawn il-kambjali ghadux dovut jew le, u fl-isfond tal-provi li tressqu f'dan il-procediment, hija l-fehma taghha illi kull eccezzjoni tal-hlas tal-kambjali li skadew fit-13 ta' Awwissu 2018 u fit-13 ta' Settembru 2018, opposta mill-intimat, ftit li xejn jista' jkollha success f'xi kawza eventwali ghall-hlas tal-kambjali.

Ghall-bqija, ma saret l-ebda allegazzjoni mir-rikorrenti illi dawn il-kambjali ma nhargux validament u regolarment, jew inhargu bi vjolenza jew kellhom xi ghan illegali.

Kif ritenut in propositu:-

[9] Kambjali bin-numri _____, li ghalqu fit-13 ta' Gunju 2018, 13 ta' Lulju 2018, 13 ta' Awwissu 2018 u 13 ta' Settembru 2018.

"*Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni*".

Wara kollox, kif rajna, il-kambjala *ut sic* filwaqt illi titqies bhala prova tad-dejn, tikkostitwixxi wkoll titolu ezekuttiv li huwa enforzabbli jekk ma ssirx l-oppozizzjoni mfissra fl-Artikolu 253(e), u hija ghal din ir-raguni li t-tifsira ghall-eccezzjoni kontra l-ezekuttivita` ta' dan it-titolu, cioe` t-tifsira ta' raguni "gravi u valida", ma tridx tkun wahda wiesgha li ggib fix-xejn l-effetti tat-titoli ezekuttiv.

Konsegwentement ma jirrizultax li tezisti xi raguni gravi u eccezzjonali ghall-oppozizzjoni tal-ezekuzzjoni immedjata tal-kambjali bin-numru 10 u 11 u li ghalqu fit-13 ta' Awwissu 2018 u 13 ta' Settembru 2018 rispettivament, galadarba dawn gew rezi ezegwibbli permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 3262/18 debitament notifikata lir-rikorrenti, ghandha tigi sospiza.

**<u>DECIDE</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-**

**Tichad it-talba tar-rikorrenti fir-Rikors promotur kif korrett, ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali bin-numri 10 u 11 u li ghalqu fit-13 ta' Awwissu 2018 u 13 ta' Settembru 2018 rispettivament kif imsemmija fl-ittra ufficjali numru 3262/2018 fl-ismijiet "Mario Muscat vs Lindsay Portelli"; u**

**Tilqa' t-talba rikorrenti sabiex ma jkunx hemm ezekuzzjoni tal-kambjali bin-numru 8 u 9 li ghalqu fit-13 ta' Gunju 2018 u fit-13 ta' Lulju 2018 kif imsemmija fl-ittra ufficjali numru 3262/2018 fl-ismijiet "Mario Muscat vs**

**Lindsay Portelli" u konsegwentement tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dawn il-kambjali a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu nofs b'nofs bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**